21st Jan 2006

l-orizzont

# Ir-Ramblers bdew jahdmu

**minn Anton Cassar**

Bhalma ghidt fi tmiem l-ahhar artiklu tieghi f'din il-kolonna, illum se nkompli nikteb dwar il-mixi fil-kampanja sabiha taghna, specjalment f'dan iz-zmien, meta l-hdura tal-haxix tiksi kullimkien, meta l-widien u l-gwiebi jfuru bl-ilma, meta l-kotra l-kbira tax-xtieli u s-sigar fix-xaghri jqumu fuq taghhom u jithejjew biex johorgu l-fjur taghhom.

Imma llum irrid inkompli nghid xi haga dwar ir-Ramblers Association li ghadha kemm twaqqfet u dwar il-hidma li l-kumitat tar-Ramblers ipprepara li jaghmel. Izda qabel irrid infisser x'kien u x'inhu l-hsieb tieghi dwar

## Il-mixjiet tieghi fil-kampanja

Jiena tghallimt inhobb il-mixi fil-kampanja sa minn meta kont ghadni zghir ta' disa' snin, meta dhalt is-Seminarju ta' Ghawdex, fejn ir-rikreazzjoni taghna kienet tkun xi mixja fil-kampanja ta' Ghawdex jew xi loghba futbol fl-atrio tas-Seminarju.

Imbaghad meta tfarfart u kont noqghod man-nanniet tieghi, ir-Rabat ta' Malta, il-mixjiet tieghi kienu jkunu lejn Tal-Virtù, il-Buskett, l-Irdum ta' Had-Dingli jew lejn l-Imtarfa, Wied il-Qlejgha jew inkella lejn Tas-Salib, Bingemma, il-Kuncizzjoni, il-Bahrija u l-Imtahleb. Kont immur ma' shabi ta' l-iskola u kien jigi maghna Dun Frans Camilleri. Iktar tard kont norganizza mixjiet fil-kampanja ghat-tfal tal-Brigata Laburista tal-Marsa u iktar tard kont norganizza wkoll mixjiet ma' hbieb tieghi, impjegati fil-Union Press, fejn qattajt nofs hajti. U proprju kien il-habib tieghi Joe Mercieca li zmien ilu kien jahdem ghall-magazin L-Antenna li kien webbilni biex nibda nikteb sensiela ta' artikli ghall-Antenna li kont semmejthom "Il-Mixjiet Tieghi". Wara, dawn ghamilthom fuq Super 1 Radio u wara ma' Marthese Tanti fil-programm "Ward u Zahar" fuq Super 1 TV.

Bqajt nimxi fil-kampanja u ghadni sal-lum. Jiena u Pawlu Montebello hratna Malta u Ghawdex. U ghadni naghmel l-istess illum ma' Joe Tanti taz-Zejtun.

Illum hafna jsibuni u jghiduli: "Ghaliex dawn il-mixjiet tieghek ma tohroghomx fi ktieb?" Dawn jghiduli wkoll: "F'dawk l-inhawi li wrejtna qatt ma konna morna u issa mmorru nzuruhom, postijiet sbieh wisq u bi storja!"

U proprju dan li rrid nghid. Il-mixi fl-irhula u l-kampanja ta' Malta u Ghawdex huwa sabih wisq ghax fih mhux biss naraw l-ghelieqi u l-ucuh tar-raba mahdumin tajjeb, maghluqin fil-hitan tas-sejjieh u bis-sigar u bil-pal tal-bajtar tax-xewk, imma niltaqghu ma' hwejjeg ohrajn. Fil-mixjiet taghna niltaqghu ma' knejjes zghar u kappelli, li kollha ghandhom storja, ma' giren, imgiebah, oqbra punici u dwiemes, kif ukoll ma' katakombi li Malta hija mizghuda bihom, qishom muzew ghall-berah.

## Ir-Ramblers bdew jahdmu

Fl-ewwel laqgha generali annwali li saret dan l-ahhar, is-Sur Lino Bugeja kien konfermat bhala President ta' "The Ramblers Association of Malta" u s-sinjuri li gejjin kienu eletti membri tal-kumitat: Alex Vella, Carmen Vella, Romano Cassar, Steven Bonello, Joe Bugeja, Andè Catania, Patrick Abela, Mario Tabone Vassallo, Paul Micallef u Louis Vella. Tlieta ohrajn kienu ko-optjati biex jidhlu fil-kumitat li huma Denice Catania, Victor Martinelli u Frank Spiteri.

Ir-Ramblers bdew jahdmu minnufih u ghalhekk waqqfu sitt kummissjonijiet li huma: 1. Il-Kummissjoni Edukattiva; 2. Il-Kummissjoni dwar l-Ambjent; 3. Il-Kummissjoni Legali; 4. Il-Kummissjoni dwar Relazzjonijiet Internazzjonali; 5. Il-Kummissjoni Finanzjarja; u 6. Il-Kummissjoni dwar Relazzjonijiet Pubblici.

F'Dicembru li ghadda, ir-Ramblers organizzaw hames mixjiet li kienu dawn: Il-Qammieh, Wied Qirda, Victoria Lines West, Victoria Lines East u l-inhawi ta' l-irdum ta' Had-Dingli.

## Ghaqda ohra ghall-harsien ta' l-Ambjent

Meta fil-15 ta' Frar tas-sena 2005 kont kitbt dwar din l-ghaqda ta' dawk li jimxu fil-kampanja, The Ramblers Association of Malta, kont tajt definizzjoni tal-kelma Ramblers skond il-Concise Oxford Dictionery li tghid: "to walk for pleasure and

without definite route”. Imma kif rajna fil-mixjiet li r-Ramblers ghamlu f’Dicembru, kellhom inhawi definiti fejn marru.

Hekk ukoll se jkollhom naha definita, meta nhar il-Hadd, 18 ta’ Jannar, 2006, ir-Ramblers qeghdin isejhu lill-membri taghhom biex dak in-nhar jiltaqghu fil-Pjazza tal-Bahrija u minn hemm jimxu lejn Gnien il-Marga, jghaddu minn magenb is-Sirena, jinzlu f’Wied il-Marga, fejn fl-ilma tieghu hemm il-qwabar (grancijiet ta’ l-ilma helu) u jitilghu lejn il-Qlejgha tal-Bahrija fejn hemm is-silos, fejn il-Maltin ta’ Zmien il-Bronz kienu jahznu l-qamh taghhom. Se jkun hemm maghhom arkeologu maghruf li jaghmlilhom tahdita fil-post.

Ir-Ramblers m’humiex biss ghaqda ta’ dawk li jhobbu jimxu fil-kampanja, izda huma wkoll ghaqda ohra bhal dawk li jahdmu ghall-harsien tal-wirt storiku ta’ din l-art taghna.